# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Diane Farrugia**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Diane Farrugia**, li għandha l-karta tal-identita bin-numri 332170 M li permezz tagħha hija ġiet akkużata "talli nhar is-16 ta' Marzu, 2015, għal ħabta ta' l-erbgħa ta' wara nofsinhar (1600hrs) ġewwa L'ACCESS, Ċentru tal-Benefiċċji Soċjali, Triq San Dwardu, l-Birgu:

a) inġurjat, jew heddet, jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' waħda inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku ċioe' *Stephanie Ann Pace* waqt li kienet tagħmel jew minħabba li kienet tagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżża' jew li tinfluwxxi fuqha kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz,u dan bi ksur tal-Art 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) ukoll talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament, kisret il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor

c) kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied, kif ukoll dagħa u kliem faħxi

Ukoll il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta

Rat l-atti tal-kawża, id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Li l-imputata ammettiet għall-ewwel u t-tielet imputazzjoni kif dedotti kontra taghha filwaqt li żammet salva u ferma l-innoċenza tagħha fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Il-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissioni tagħha għall-imputazzjonijiet kontestati, inkluż li minħabba n-natura tar-reat il-Qorti setgħet tgħaddi biex issibha ħatja u tikkundannaha għal piena li tista' tkun anke waħda karċerarja jew pieni oħra statutorji. Il-Qorti, wara li tagħtha żmien biżżejjed sabiex anke tikkonsulta mal-Avukat Difensur u tiddeċiedi jekk hux ser terġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnha, semgħet lill-imputata ttenni li hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

# DECIDE : -

Li għar-raġunijiet premessi, filwaqt li tilliberaha minn kull ħtija u piena fir-rigward tat-tieni imputazzjoni stante li tqis li din ma ġietx

soddisfaċentement ippruvata skont il-Liġi, wara li rat l-Artikoli 95 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssibha ħatja ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjoni. Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ mhux lok li twaħħal piena iżda li hemm lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk qegħda tillibera lill-ħatja bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur, filwaqt li tikkundannaha għall-ħlas ta' multa ta' tminn mitt euro (€800) li għandha titħallas fi żmien tliet (3) snin mill-lum.

Inoltre rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tqiegħed lill-ħatja taħt obbligazzjoni tagħha stess għal żmien sena mill-lum taħt penali ta' elfejn (€2,000) fin-nuqqas.

***Mogħtija illum it-23 ta' Frar 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***